# KOTBA GHAT-TIJATRU MALTI

ĠUŻE' GALEA :
"Inkwiet Fid-Dar".

A. CREMONA :
"Il-Fidwa tal-Bdiewa".

A. M. CASSOLA :
"Il-Berritta Bajda ta' Bil-Lejl".
"Żwieġ il-Mewt".

E. SERRACINO-INGLOTT :
"Razju Vidal".
"Ir-Raġel li Ħadha mal-Mewt".

I. MUSCAT-AZZOPARDI *u* N. BIANCARDI :
"Il-Ħames Wieħed".

I. MUSCAT-AZZOPARDI :
"L-Akbar Imħabba".

"Lejlet il-Milied".
"Dejn Mardud".
"Tifkira".
"Dar Ix-Xjuħ".
"Nases"
"L-aħħar Tagħniqa".
"Karnival".

S. MIFSUD :
"Dun Mikiel Xerri".

ĠORĠ PISANI :
"Is-Sengħa ta' l-Imħabba".

# MOVIMENT TAL-MALTI GHAT-TFAL

## KONKORS TA' ESSAYS, NOVELLI U POEŻIJI

Il-Moviment tal-Malti għat-Tfal, iniedi TLIET KONKORSI f'daqqa għall-aħjar tliet Essays, tliet Novelli u tliet Poeżiji, bi Premijiet u Diplomi ta' l-Aqwa Grad għall-aħjar tliet xogħlijiet f'kull taqsima kif ukoll tliet diplomi ta' "Tismija b'Tifħir" f'kull taqsima, taħt dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin :—

1. Ix-xogħlijiet kollha jridu jkunu oriġinali u qatt ma ġew stampati.
2. Jistgħu jidħlu għall-konkors subien u bniet ilkoll taħt l-20 sena.
3. Kull konkorrent jista' jidħol għat-tliet taqsimiet f'daqqa u jista' wkoll jibgħat iżjed minn xogħol wieħed għal kull taqsima.
4. Iridu jintbagħtu tliet bolli ġodda ta' sold il-waħda ma' kull biċċa xogħol, magħluqin fl-envelopp.
5. Kull biċċa xogħol għandha tintbagħat iffirmata BISS bi psewdonmu, ngħidu aħna, "Għasfur", fil-waqt li l-isem veru u l-indirizz tal-kittieb għandu jingħalaq f'envelopp ieħor, fl-istess envelopp tax-xogħol li jintbagħat għall-konkors, flimkien mat-tliet bolli.
6. L-envelopp għandu jkun immarkat minn barra bil-kelma: "Konkors", kif ukoll it-taqsima li wieħed ikun daħal għaliha, ngħidu aħna "Konkors Novelli".
7. It-tul ta' l-Essays ma jkunx iżjed minn 150 vers; tan-Novelli mhux iżjed minn 210 versi u tal-Poeżiji mhux iżjed minn 40 vers.
8. Ix-xogħlijiet kollha jridu jaslu għand is-Sur Kelinu Vella Haber, Triq Farsons, Ħamrun, mhux iktar tard mill-aħħar ta' Lulju 1946.

## TAGHRIF IEHOR

Il-Premijiet, li huma 9, u d-Diplomi li huma 18, jiġu ppreżentati f'Akkademja Mus:ko-Letterarja msejħa apposta mill-Moviment, fil-Każin ta' San Gejtanu, tal-Ħamrun, wa:a li r-rebbieħa jaqraw ix-xogħol rebbieħ tagħhom f'dik l-Akkademja. Il-Moviment jista' jxandar bir-Rediffusion ix-xogħlijiet rebbieħa. **Id-deċiżjoni tal-Mexxej Ġenerali dwar il-Konkors hija finali.** Id-Diplomi jiġu iffirmati mill-Eżaminaturi u mill-Mexxej Generali tal-Moviment. L-Eżaminaturi huma dawn il ġejjin:—

## EŻAMINATURI

ESSAYS: Rev. Dun Frans Camilleri.
NOVELLI : Is-Sur Victor Apap.
POEŻIJI : Onor. Karmenu Vassallo.

(Ft.) KELINU VELLA HABER,
Mexxej Ġenerali.

**TAGHRIFA:** Is-Sur K. Vella Haber, Mexxej Ġenerali tal-Moviment, jilqa' b'ferħ kbir Premijiet u rigali oħra ta' kull għamla għal dan il-Konkors. Iktbu lill-Mexxej Ġenerali. 75, Triq Farsons, il-Ħamrun, sabiex igħaddi jiġbor dawn ir-rigali. Dawk kollha li joffru xi premju, ikunu mistiedna għall-Akkademja li fiha jingħataw il-premijiet meta r-Rebbieħa jaqraw ix-xogħlijiet tagħhom.